# TAQBIL U XEBH BEJN IL-MALTI WIL-GRIEG QADIM

minn REV. J. BUSUTTIL

DAN mhux xi studju profond tar-relazzjonijiet li jistgħu jeżistu bejn il-Malti u l-Grieg qadim: huwa biss artiklu fuq ix-xebh li hemm, xebħ sintattiku, bejn iż-żewġ lingwi. Ma nistgħux nikkonkludu minn dan l-artiklu li l-Malti ġej, in parti, mill-grieg: nistgħu ngħidu għal issa, qabel ma jsir studju iktar profond, li dan ix-xebħ huwa aċċidentali. Dan ix-xebħ narawh (l-iktar) f'ċerti użi tan-nomi, tal-pronomi, u l-iktar fl-użu tal-artiklu.

## A. UŻU TAL-ARTIKLU

L-artiklu fil-Grieg antik huwa ὁ (ħo) maskil, ἡ (ħe) femminil το (to) newtru

1. Bħal Malti, il-Grieg m'għandux artiklu indefinit. Nom mingħajr l-artiklu huwa ndefinit. e.g. mara = γυνή, il-mara = ἡ γυνη (He guné)
2. Bħal fil-Malti, l-artiklu fil-Grieg l-antik jintuża ma' nomi kollettivi e.g. il-bnedmin = οἱ ἀνθρωποι (Hoi antropoj)
3. Fil-Malti l-artiklu npoġġuh ma' nomi astratti: il-qlubija; l-istess isir fil-Grieg = ἡ ἀνδρεια (He andreja)
4. Quddiem ismijiet ta' ċerti postijiet aħna nqiegħdu l-artiklu. Hekk ngħidu il-Greċja; l-istess hemm fil-Grieg = ἡ Ἑλλάς (He Hellas).
5. Aġġettivi dimostrattivi fil-Malti dejjem insibu l-artiklu man-nom: dan *ir*-raġel; din *il*-mara. Fil-Grieg insibuh ukoll dan l-użu οὗτος ὁ ἀνήρ (Hutos ħo aner); αὕτη ἡ γυνή (Haute ħe guné).
6. Bil-Malti meta aġġettiv jikkwalifika nom nużaw l-artiklu darbtejn, wieħed man-nom l-ieħor mal-aġġettiv. Dan l-użu nsibuh anki fil-Grieg: *ir*-raġel *it*-tajjeb: ὁ ἀνήρ ὁ ἀγαθός (Ho aner ho agatos).
7. Bħal fil-Malti meta l-aġġettiv m'għandux artiklu, tfisser li huwa predikat. Ir-raġel tajjeb jew tajjeb ir-raġel – the man is good. Fil-Grieg tiġri l-istess ħaġa ὁ ἀνήρ ἀγαθος jew ἀγαθός ὁ ἀνήρ. F'dal kas bħal fil-Malti, m'hemmx bżonn ta' l-ebda verb.

## B. NOM

1. Fil-Malti nużaw il-forma doppja tal-plural ma' ħwejjeġ li minnhom jeżistu tnejn: għajnejn, widnejn, saqajn. Il-Griegi antiki kellhom forma tal-plural li kien użat bl-istess mod. e.g. Τὼ ὀφθαλμώ (To oftalmo) l-għajnejn.

### Pronom

Il-pronom αὐτος (awtos) ifisser 'stess'; għalhekk ngħidu αὐτὸς ἦλθεν (huwa stess ġie); meta quddiem αὐτος hemm l-artiklu definit, αυτος tfisser 'same, medesimo', e.g. ὁ αὐτὸς ἀνηρ. L-istess ħaġa fil-Malti. Huwa stess ġie; l-istess raġel.

### Verbi impersonali

1. Bħall-Malti jieħdu ħafna minnhom id-dativ: (jidhirli -- jidher lili) mhux jidhimi (δοκει μοι – dokej moj); jixraq lili (πρεπει μοι – prepej moj).